**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 26 ta' Ottubru, 2023**

**A B**

**-vs-**

**C B**

**(M.R. nru. 447/2016)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tar-rikorrenti A B detentriċi tal-karta tal-identita` numru 186791M li peress tiegħu ppremettiet:

1. *Ill l-partjiet iżżewġu nhar id-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) fir-Reġistru taż-Żwieġ, il-Belt Valletta, kif jirriżulta miċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tagħhom mal-preżenti anness u mmarkat bħala* ***'Dok A'****. Sussegwentement, u nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn*

[1] Fol 1 sa 3

*u sbatax (2017) il-partijiet kkontrattaw żwieġ bejniethom permezz ta' ċerimonja reliġjuża fil-Knisja Parrokjali ta' Ħaż-Żebbuġ.*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt ulied: D B illi twieldet nhar id-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u E B illi twieled nhar l-għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), u għalhekk iż-żewġ ulied huma minuri. Iċ-ċertifikat tat-twelid tal-ulied huma hawn annessi u mmarkati bħala '**Dok B'** u '**Dok C'.***

3. *Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba illi ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minħabba sevizzi, moħqrija, thedid, eċċessi u inġurja gravi da parti tal-intimat, kif ukoll minħabba adulterju komess mill-istess intimat, u għalhekk il-ħajja tal-kontendenti flimkien m'għadhiex aktar possibbli.*

4. *Illi l-esponenti ġiet awtorizzata illi tintavola dawn il-proċeduri permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti, li jinsab mal-preżenti anness u mmarkat bħala* **Dok D;**

5. *Illi r-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u għalhekk kellha ssir din l-kawża bl-ispejjeż kontra l-intimat.*

6. *Illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn April tas-sena elfejn u tmintax (2018).*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi u previa kull provvediment ieħor li din l-Onor. Qorti jidrilha huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-intimat, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabilment.*

2. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D B u E B f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċioe` dawk ta' edukazzjoni, saħħa u deċiżjonijiet dwar il-ħruġ o meno ta' passaport, jittieħdu esklussivament waħidha mingħajr ħtieġa tal-firma tal-intimat.*

3. *Tordna illi r-residenza tal-minuri D B u E B tkun mal-omm.*

4. *Tordna li kull benefiċċju soċjali u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri D B u E B jingħata lir-rikorrenti.*

5. *Tillikwida u tiffissa manteniment globali għall-minuri u dan sakemm l-istess jagħlqu it-tmintax-il sena jekk jiddeċiedu li jieqfu mill-istudju tagħhom u jibdew jaħdmu fuq bażi full-time, jew sa tlieta u għoxrin sena jekk jiddeċiedu li jkomplu bl-istudji tagħhom fuq bażi full-time, u konsegwentement tordna lill-intimat sabiex iħallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja u dana billi tali somma hekk iffisata tkun tinkorpora wkoll is-sehem tal-intimat għal nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni, u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri.*

6. *Tordna li l-imsemmi manteniment jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ tal-intimat, mill-impieg jew xogħol li hu għandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi benefiċċji soċjali li huwa jista' jkun qed jirċievi minn żmien għal żmien.*

7. *Tagħti dawn il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri D B u E B.*

8. *Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri D B u E B, fosthom iżda mhux limitatament dwar kif għandu jiġi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan kollu taħt kull provvediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.*

9. *Tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull jedd għall-manteniment tiegħu skond il-Liġi.*

10. *Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwsiti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqasamha f'żewġ porzjonijiet u tassenja waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimata, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur sabiex jirrapresenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.*

11. *Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti id-dispożijonijiet tal-Artikolu 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili .*

12. *Tordna lill-intimat sabiex iħallas jew jikkonsenja lill-esponenti skond il-każ il-krediti u proprjeta` parafernali tagħha skond il-każ;*

*13.Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal-kunjomha xebba u ċioe G.*

*Bl-Ispejjeż kontra l-intimat inġunt minn issa stess in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda[2] u l-elenku tad-dokumenti[3] kif ukoll id-dokumenti esebiti;[4]

Rat id-digriet tat-12 ta' Frar, 2020 fejn l-attriċi kisbet l-awtorizazzjoni sabiex tipproċedi b'din il-kawża;[5]

Rat in-nota tar-rikorrenti[6] li permezz tagħha esebiet l-Affidavits ta' ommha F G (Dok TD 1) u ta' ħuha H G (Dok. TD 2);

Rat li l-intimat debitament notifkat bir-rikors ġuramentat ma ppreżentax risposta u għalhekk ġie ddikjarat bħala kontumaċji f'dawn il-proċeduri;

Rat ir-rikors b'urġenza tar-rikorrenti tat-2 ta' Novembru, 2020, u d-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Diċembru, 2020 fejn il-Qorti ordnat lill-Aġenzija Appoġġ, u senjatament lis-*social worker* Alison Bonello sabiex tirrapporta lill-Qorti dwar it-talbiet kollha, ħlief għas-seba', tmien, disa' u għaxar talbiet u dan wara li tkun tkellmet lill-partijiet involuti;

Rat il-verbal tal-24 ta' Novembru, 2020[7] fejn il-Qorti innominat lil Dr Maria Dolores Gauci bħala assistent ġudizzjarju biex tisma' l-provi biss tal-attriċi.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata 6 ta' Jannar 2023[8] bl-affidavit tagħha stess (Dok TD 3);

Rat ir-rapport ta' Alison Bonello għad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal (Dok AB)[9]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda li tressqu quddiem l-Asistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci, d-dokumenti esebiti, l-affidavits u l-atti proċesswali kollha;

---

[2] Fol 3 sa 4
[3] Fol 4 sa 5
[4] Certifikat taz-zwieġ a fol mmarkat Dok A a fol 6; ċertifikati tat-twelid tal-minuri mmarkati Dok B fol 7;m u Dok C fol 8; digriet tal-awtorizzazzjoni mmarkat dok D fol 9;
[5] Dok D fol 9
[6] Datata 18 ta' Ġunju 2020 a fol 15
[7] Fol 26
[8] Fol 157
[9] Fol 176 datat 07.03.2022

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti[10]

Rat id-digriet kamerali tagħha tal-1 ta' Settembru, 2023;

Rat ir-Risposta tar-rikorrenti tal-4 ta' Settembru, 2023;

**Ikkunsidrat:**

**Eċċezzjoni Preliminari:**

Illi nhar l-1 ta' Settembru, 2013 il-Qorti tat provvediment *ai termini* tal-Artikolu 732A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn issollevat is-segwenti eċċezzjoni ex officio: *"Jekk l-azzjoni istanti kif intavolata mill-attur hijiex ai termini tal-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta irritwali u nulla stante li l-attriċi naqset milli tipproċedi bil-kawża istanti entro t-terminu stabbilit f'Regolament 7 tal-Avviż legali 397 tas-sena 2003?"*

Għal tali provvediment, l-attriċi ppreżenta nota dettaljata fejn permezz ta' liema rrilevat li dak fil-fatt ipproċediet entro t-terminu stabbilit peress li fiż-żmien tal-għeluq tal-medjazzjoni kien hemm is-sospensjoni tat-termini minħabba l-Covid.

Fid-dawl tal-provi mresqa, jidher ċar li l-attriċi ntavolat il-kawża qabel ma kienx leħaq iddekorra it-terminu legali ta' xahrejn u konsegwentement ipproċediet entro t-terminu skont id-disposizzjoni tal-liġi. Għaldaqstant, il-Qorti qed tirrespnġi l-eċċezzjoni tan-nullita' kif sollevata minnha stess permezz ta' digriet datat l-1 ta' Setembru, 2023.

**L-Azzjoni**

L-azzjoni tar-rikorrenti hija waħda għas-separazzjoni personali u skont ir-rikorrenti iż-żwieġ tkisser minħabba sevizzi, moħqrija, thedid, eċċessi u inġurja gravi da parti tal-intimat kif wkoll minħabba l-adulterju kommess mill-istess intimat u peress li ż-żwieġ tkisser irrevokabbilment. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex konsegwentement tapplika s-sanzjonijiet ikkontemplati fil-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-intimat. In otre` qiegħda talbet sabiex tiġi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva taż-żewġ minuri ulied il-partijiet, u sabiex il-Qorti tagħti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fir-rigward tal-minuri.

[10] Fol 196 sa 208

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-intimat ġie debitament notifikat fit-18 ta' Ġunju 2020, l-intimat baqa' ma natvolax ir-risposta ġuramentata tiegħu u konsegwentement huwa meqjuż bħala kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

**Verżjoni Rikorrenti**

Il-verżjoni tal-attriċi toħroġ mill-Affidavit tagħha[11] fejn permezz tal-istess hi tgħid:

Li l-partijeit iltqagħu meta hi kellha madwar 23-il sena. Skontha, l-intimat mill-ewwel wera li kien it-tip li jfittex l-inkwiet. "*Jien lil C qatt ma kont rajtu qabel. Niftakar li kont smajtu jgħid lill-istess sħabna tal-grupp*: '*Jien lil dik qed infittex.' Jien kif tlajt mill-baħar, C qalli: "Inti tindaħalx' bl-herra. Dakinhar C kien ġie għal ġlied ma' dan sieħbi li kien parti mill-grupp."*[12]

Tkompli tgħid li dakinhar stess ratu jabbuża mill-kokaina għax tgħid "*Dan rajtu b'għajnejja"*u ratu jaħbi xi ħaġa ġol karozza u li meta xi ħadd staqsieh x'kien ħeba huwa kien qal li kien ħeba arma. Minn dakinhar kien sar parti mill-grupp tagħha, u fis-sena 2014 bdew joħorġu flimkien bħala koppja u tgħid: *Is-sitwazzjoni miegħi ma' C minn dejjem bdiet ħażina"*[13]

Fl-affidavit tirrakkonta li filwaqt li ma kellux impieg xorta kien ikollu l-flus . Bdew jgħixu flimkien fil-flat ta' ħuh ġo Marsascala qabel iż-żwieġ u tgħid li ġurnata minnhom tfaċċat mara f'din ir-residenza fejn nqala' argument bejn C u din il-mara. Skont ir-rikorrenti, irriżulta li din (I Zammit) kienet omm bintu, li bdiet tiffissa fir-rikorrenti u li minn jeddha kienet tħallilu (lill-konvenut) nofs il-paga tagħha.

Skont ir-rikorrenti ħadet dak kollu li kienet temmen dak kollu li l-konvenut kien jgħidlilha.
Ftit wara r-rikorrenti saret taf li kienet tqila b'D u skontha ir-reazzjoni tal-konvenut kienet waħda positiva. ***"Nispjega illi l-mument li jien kont ħriġt tqila, C diġa kellu 11 -il tifel u tifla. Ommi u missieri ħaduha kontra tiegħi għall-aħħar, u ċioe l-fatt li bdejt noħroġ ma' C"***[14]

Tirrakkonta li wara t-twelid tat-tifla tagħhom, (D), marru jgħixu ma' diversi membri tal-familja tal-initmat u skontha hemmhekk beda l-inkwiet għaliex l-intimat ma riedx li r-rikorrenti tibqa' f'kuntatt mal-familja tagħha. Saret taf li l-

[11] Dok TD 3 a fol 158 sa 165
[12] Fol 158
[13] Fol 158
[14] Fol 159 Enfasi tal-Qorti

intimat kien qed iġiegħel lil I sabiex tisraq minn fuq il-post tax-xogħol tagħha u din fl-fatt tkeċċiet. *"F'dan il-perjodu jiena kelli madwar ħames xhur tqala. Jiena dejjem kont nipprova nagħmel l-għalmu tiegħi biex nikkonvinċi lil C jieqaf minn dak li qed jagħmel*"[15]. Tispjega li din I spiċċat tressqet il-Qorti u ma kellhiex fejn tmur tgħix u għalhekk għamlet żmien tgħix mal-partijiet fejn darba semgħet lill-intimat u I jiddiskutu bejniethom li kif ir-rikorrenti twelled, l-intimat jitlaq lir-rikorrenti u jerġa jirranġa ma' I. Tispjega li kif indunat b'dak li kien qed jiġri ma semmiet xejn u l-għada telqet mill-post fejn kienet qed tirrisjedi mal-intimat , u ħassret minn miegħu, iżda wara ftit irranġat u marret lura għax kien ċemplilha jibki u qalilha li ma baqax ma'I: "*Aċċettajt u mort lura.* ***Ommi naturalment ħaditha bi kbira ħafna, u kemm ommi u missieri bdew jgħiduli li C ma kienx ser jinbidel. Jien provajt nagħti ċans. X'ħin mort lura sibt ma' wiċċi I u bintha. I bdiet tgħidli li kienet hemm għax ma kellhiex fejn toqgħod ...***
***Omissis... Niftakar illi darba minnhom C u I kienu qed jargumentaw għax C spiċċawlu l-flus , u I ma kenitx qed taħdem. I qaltlu li hi kienet lesta tagħmel kollox għalih. C dak il-ħin ħatafha fil-kelma, u qalilha biex tibda x-xogħol ta' prostituzzjoni. U fil-fatt hekk ġara.[16]*** Skont ir-rikorrenti l-intimat ġiegħelha biex tipprepara l-*facebook page* għal din I b'isem fittizju u sabiex tikkomunika hi man-nies u tgħid li ħaditha ħafna bi kbira '*peress li dawn għalija kien affarijiet ta' barra min din id-dinja."*[17]

Skont ir-rikorrenti, din I ħarġet mix-xena meta spiċċat f'relazzjoni ma' klijenti minn tagħha, u dan kien xi erba' (4) xhur wara t-twelid tal-minuri D u quddiem ommu staqsieha x'ser jagħmlu ladarba spiċċawlu l-flus u skontha: *" Jiena kont għetlu li kont lesta noħroġ naħdem. Manuel ħatafni fil-kelma, qalli mela issa inlestilek il-garaxx. Jien qalbi waqqfet u hemm irrealizzajt li jien kont il-vittma li jmiss. Hekk kien sar.*"[18] Skontha ma kellhiex għażla għax ma kellhiex fejn tmur u kienet tibża' minn l-intimat. Tkompli biex għalhekk tagħti rendikont ta' kif bdiet tipprostitwixxi ruhha għal kważi sentejn u nofs.

Tispjega li żżewġu fir-Reġistru Pubbliku fis-sena 2016 u fl-2017 iżżewġu fil-Knisja. Tgħid li ppruvat ssib xogħol regolari u li għamlet perjodu taħdem bħala *cleaner* kemm fl-isptar *Monte Karmeli* u anki l-*SGS*, fejn irnexxielha anki ssib impieg għall-intimat iżda dan ġie transferit għall-isptar San Luqa għax instab ibiegħ id-droga lill-pazjenti tal-isptar Monte Karmeli. Eventwalment mill-isptar San Luqa tkeċċa fuq serq. Tgħid li kif ġara hekk, hi kellha tieqaf mix-xogħol ta' *cleaner* minħabba li kienet tqila b'E, iżda minflok rega' bagħatha lura fid-dinja

[15] Fol 159
[16] Fol 159
[17] Fol 159
[18] Fol 160

tal-prostituzjoni: "*Hawn kont tqila b'E, u konna qed noqgħodu f'post bil-kiri il-Qrendi. Jiena kont naħdem minn dan il-post"*[19]

Tgħid li wara l-mewt ta' missierha marru joqgħodu għand ommha iz-Zejtun, u meta D iċċelebrat it-tielet birthday tagħha, l-intimat kien iddikjara quddiem kulħadd li kien iżżewiġha minħabba l-flus u '*ħabba il-kunjom'*. Skont ix-xhud f'April ta' dik is-sena u ċioe tal-2018 kellu relazzjoni intima mat-tfajla ta' ħuha li wkoll kienet tgħix fl-istess dar għand ommha. Skont dak li jirriżulta mill-affiidavit tagħha xi xahar wara talabha tmur lura miegħu u aċċettat u reġgħet bdiet 'taħdem' mill-ġdid, iżda kif reġa' ġab lill-ex ta' ħuha tgħix magħhom ma felħitx iktar u kien hemm li kkrollat u "*kont għamilt attentat ta' suwiċidju Ma flaħtx għal aktar."*[20]

Minn *Mater Dei* spiċċat rikoverata l-isptar Monte Karmeli. Hemmhekk l-intimat mar jaraha u skontha qalilha li bejnu u bejn din L kien spiċċa kollox. Tgħid li anki t-tabib kien wissiha biex ma tmurx lura mal-intimat iżda ma semgħetx minnu, reġgħet marret lura għall-istess tip ta' xogħol u tgħid li hemm indunat li l-intimat kien għadu f'kuntatt ma' l-eks ta' ħuha . Tispjega li reġgħet ddaħħlet l-isptar Monte Karmeli u xi drabi kienet tidħol anki minn jeddha meta kienet tħossha li ser tikrolla.

*"Manuel huwa persuna li mhux faċli taħrab minnu. Wara sirt naf li fil-ħwienet li kont naħdem fihom hemm il-cameras, li jieħdu l-filmati waqt li jien kont inkun xogħol mal-klijenti. Niftakar illi darba waqt li kont qiegħda l-isptar Monte Karmeli, ommi kienet ċemplitli tibki u tgħid li biex ma nipproċedix għas-separazzjoni u ma niġġiliedx għat-tfal għax Manuel kellu l-filmati tiegħi."*[21]

Ir-rikorrenti tgħid li meta l-aħħar kienet l-isptar Monte Karmeli ommha kienet qed tieħu ħsieb lil D u oħt l-intimat kienet qed tieħu ħsieb lil E, iżda meta ħarġet mill-isptar kienet qed tgħix għand ommha u ż-żewġt itfal kienu qiegħdin jgħixu magħha wkoll. Tispjega li kellha argument ma' ommha fuq ħlas ta' kera u spiċċat bla saqaf fuq rasha u marret l-Appoġġ. Għamlet kuntatt mal-ħaddiema soċjali Alison Bonello li diġa` kienet qed taħdem magħha meta ddaħħlet l-Isptar Monte Karmeli. Tispjega li marret hemm biex tal-Appoġġ jgħinunha għal perjodu ta' madwar xahar billi hi tħalli lit-tfal taħt il-kura tagħhom sakemm issib impieg. Tgħid li dak kien il-ftehim tagħha u minn naħa tagħha kellha tagħmel kuntatt mal-YMCA iżda tgħid li m'għamlitx kuntatt mal-YMCA għaliex irċeviet telefonata mingħand J K (u ċioe` l-istess J li resqitu bħala xhud quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u li għandha relazzjoni miegħu minn liema relazzjoni twieldu żewġt itfal) fejn qalilha biex tmur tgħix għand ommu. Skontha ppruvat

[19] Fol 160
[20] Fol 161
[21] Fol 161

tinforma lill-Aġenzija Appoġġ biex tikkanċella kollox imma tgħid: *"Kien tard wisq, għaliex kemm jien kif ukoll missierhom, konna lħaqqna iffirmajnilhom."*

Fl-affidavit tagħha tkompli billi tirrelata li l-intimat irnexxilu jikseb digriet ta' kura u kustodja u reġa' ħa it-tfal u hemm bdiet battalja oħra biex tara lill-ulieda.

Tispjega li kif l-intimat sar jaf li ommha ppreparat u ppreżentat Affidavit fil-kawża odjerna, beda jhedded lit-tnejn li huma li la ma kienux ser jaraw lit-tfal iktar.

Fit-2020 l-intimat irritorna lura lil D iżda mhux lil E pero` wara iżda fl-istess sena rnexxielha ġġib anki lil E lura għandha kkont ma xehdet illi darbtejn biss irċeviet manteniment għat-tfal mingħand l-intimat u dan fl-ammont ta' Eur 130 u darb'oħra fl-ammont ta' Eur 250 *cash*. Skontha meta l-intimat xtaq jarahom dejjem ħallietu jara lit-tfal iżda kien hemm okkażjonijiet meta ħa lil D għall-aċċess, fil-waqt li lill-E ħadu darba biss u skontha ġie lura b'marka.

Tispjega li minn meta ġie lura jgħix magħha E kellu ħafna *behavioural problems*. *"Niftakar li darba marret għajni bija għal ftit minuti u ġiegħel lil oħtu D tissikka ċintorin m'għonqu. D bdiet twerżaq u qomt u nsib lil E jipprova jissikka iċ-ċintorin. Malli bdejt nara dawn l-affarijiet jien dlonk kellimt lil Ms Alison Bonello għall-għajnuna, għax it-tifel minħabba l-behaviour tiegħu stess kien iweġġa' mix-xejn, għax litteralmentt ma tistax tafdah, u tikkontrollah..."*[22]

Ir-rikorrenti tkompli tirrakkonta d-diffikultajiet li kellha minħabba l-imġieba tal-minuri u li fi żmien il-*Covid* dan il-minuri marad, u ftit ġranet wara, marad tant kien ħażin li ċemplet l-isptar *Mater Dei* fejn qalulha biex tieħdu l-Emerġenza minnufih. Għall-bidu t-tobba ħasbu li kellu l-meninġite fejn spiċċa ġol-MPICU għal xi ħmistax, imbagħad ġie ttrasferit ġo sala. Ir-rikorrenti tispjega li minn naħa tagħha, hi infurmat tal-isptar biex jinfurmaw lill-intimat li dak iż-żmien kien is-CCF, fejn l-intimat kien jiġi bl-iskorta biex jara lill-ibnu.

Tkompli itispjega li ġie stabbilit li l-minuri kellu infection fid-demm, u skont ir-rikorrenti: "*kienet ċemplitli Alison Bonello, u kienet qaltli li t-tifel kienu se jeħduh, għaliex Manuel kien qabel li t-tifel jiġi fostered sakemm jiġi stabbilit x'ġara u x'ma ġarax u għala t-tifel kien marid kif kien. Niftakar li t-telefonata saret it-Tlieta u l-Ħamis it-tifel ittieħed, l-ewwel f'home tat-tfal, imbagħad* sabulu *foster family. Jien infqajt nibki, għax qatt ma stennejt xi ħaġa hekk f'mitt sena. Waqt li kont qiegħda mat-tifel l-isptar, fis-sitta ta' filgħodu kienu ġew jiġbruh. Jien kont wasalt fl-aħħar tat-tqala tiegħi b'tarbija oħra."*[23]

---

[22] Fol 163

[23] Fol 164

Tikkonkludi l-affidavit tagħha billi tgħid li llum il-ġurnata D ma tarax lil missierha. Ssostni li D semmietlha affarijiet xokkanti li kienu jiġru meta kienet tgħix ma' missierha. Fosthom issemmi li "*kienu jaqflu lil tifla fil-kamra tal-banju biex ma tagħmilx ħoss biex żgur ma tkellimnix.*"[24]

Finalment u fir-rigward tal-minuri E tispjega x'modalita` t'aċċess għandha fil-preżent u li toħlom fil-ġurnata li E jiġi reintegrat magħha u ma' uliedha. Skontha meta jkollha aċċess ma' E jibda jibki meta l-aċċess jintemm.

Provi tar-rikorrenti.

1. **<u>Affidavit ta' ommha F G (Dok TD 1);</u>**

Omm ir-rikorrenti ssostni li trabbieit dixxplina u qatt ma marret Paceville qabel ma' kellha 18-il sena u li qabel ma ltaqgħet mal-intimat kellha xogħol regolari.

Skont ix-xhud, il-problemi kienu hemm mill-bidu mett taż-żwieġ u ta' spiss kienet tmur għandha biex toqgħod magħha għal xi jumejn minħabba xi argument li kien ikollha.

"*Tul iż-żmien li A kienet għadha tgħix ma' C, jien dejjem kont naraha imgerrxa, imbezzgħa u imdejqa. Jien kont assumejt x'inhu jiġri: u ċioe li binti kienet qed tagħmel xi xogħol mhux f'loku, u dan għaliex kienet taħdem mit-Tnejn sal-Ħadd mit-8am ta' filgħodu sal-10 ta' bilejl. Ma kienx hemm għalfejn insaqsiha: kont indunajt li binti kienet qed tipprostitwixxi ruħha, u dan fuq ordnijiet ta' żewġha.*

Skont dak li tiirrakkonta: "Minjaf kemm il-darba argumentajt u iġġilidt ma' binti u ma' C biex ma tagħmilx dan ix-xogħol'. Tispjega li qatt ma kellha relazzjoni mal-intimat għax '*qatt ma stajt napprova illi C kien qed iħaddem lil binti f'dan ix-xogħol ta' massage parlour u prosituzzjoni"*[25] Tispjega li hi taf biċ-ċert li l-intimat kien qed iħaddimha għax hu kien iwassalha u jiġborha u ta' spiss quddiemha kien jitlobha l-flus li tkun qalgħet.

Ix-xhud tgħid li kien anki qal quddiemha u quddiem kulħadd preżenti li ma kienx jaħmel lill-familja tar-rikorrenti.
Tgħid li l-konvenut kellu relazzjoni intima ġo darha stess mal-eks tfajla ta' binha H – u ċioe ma L Camilleri. Tispjega kif dak iż-żmien kienu jgħixu kollha għandha u kienet tara lil din L tidħol fil-kamra tas-sodda tal-partijiet meta r-rikorrenti ma tkunx hemm.
Tgħid li wara binha u t-tfajla tiegħu ħassru: "*sirna nafu mill-facebook illi C kien qed joħroġ ma' L. Rajt fuq facebook ukoll illi L u C għandhom tifel." (fol 17)*

[24] Fol 164
[25] Fol 17

Tispjega li xorta waħda bintha aċċettat li tirranġa mal-intimat u indunat li kien qed jerġa' iħaddimha mill-ġdid peress li reġgħu bdew iġibulha t-tfal biex tieħu ħsiebhom.

Tkompli billi tgħid li xi ġimgħa wara rċeviet telefonata mingħand C biex imur l-Isptar għax A ippruvat tagħmel suwiċidju. Kienu ċemplulha l-pulizija wkoll u marret l-Isptar Mater Dei mat-tifel tagħha H, fejn sabet lil bintha *'fis-sodda b'għonqa kollu mmarkat. Manwel fl-ebda ħin ma' ġie l-Isptar'*

Sussegwentement tispjega kif bintha għamlet perjodu ta għaxart ijiem rikoverata l-isptar Monte Karmeli u ssostni li qatt ma rat lill-intimat matul dan ż-żmien ħlief meta kellu jmur jiffirma biex bitnha tiġi discharged. "*Ma kienx hemm għalfejn insaqsi lil binti għalfejn għamlet li għamlet għax kien hemm ħafna affarijiet ħżiena.*[26]"

Tgħid li fl-istess żmien li A kienet l-isptar ġie l-konvenut ma' missieru u ħa lit-tfal 'ma stajtx inwaqqfu għax wara kollox huwa missierhom."

Tgħid li t-tobba tal-isptar kienu ppruvaw javzaw lill-bintha biex ma tergax tmur lura għand żewġha iżda minn naħa tagħha ma setgħetx twaqqafha peress li bintha kellha l-eta` tagħha. Daħħlet Monte Karmeli xi drabi oħra "*Din l-istorja baqgħet sejra għal xi żmien'. F'dan iż-żmien tgħid li t-tfal kienu kurati u siguri u kienu ġja bdew l-visits tas-social worker Alison tal-Aġenzija Appoġġ.*[27]

Tirrakkonta kif l-intimat kien heddidha u qalilha li jekk bintha tipproċedi b'kawża kien ser jitfa' videos li kellu fuqha fuq *social media*.

Fl-affidavit tagħha tgħid li l-aħħar li rat lin-neputijiet kien f'Novembru 2018 u minn dak li tgħid fl-affidavit tagħha ilha ma tarahom minn mindu kellha argument ma' bintha fuq kwistjoni ta' kirja.

Ix-xhud tikkonsidra lill-missier intimat bħala bniedem irresponsabbli speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam it-tfal. Bħala eżempji ssemmi li kien għalhekk li l-minuri ma kenitx tmur skola għax hu ma riedx u għaddiet tiegħu u meta hi u bintha rnexxielhom jirranġaw biex it-tifla tibda tmur skola Ħal Tarxien ma riedx jiffirmalhom.

"*smajt mingħand nies, viċin tal-familja ta' Manuel, illi it-tifel qed jgħix Bormla maż-żija paterna. Smajt li t-tifel mhux qed ikun miżmum f'kondizzjoni sewwa. Smajt illi fil-preżent it-tifel qed jgħix f'caravan li jinsab f'parking ġewwa B'bugia*

[26] Fol 18 paragrafu 14.
[27] Fol 18 paragrafu 18

*fejn il-boċċi club. Smajt ukoll li t-tifel jinqafel f'cupboard meta jibki. Illum it-tifel għandu sentejn u ħames xhur.*

*Rigward it-tifla smajt li qed tgħix ma' omm Manwel is-Siggiewi smajt li L Camilleri l-eks tfajla ta' ibni tgħajjat mat-tifla, issawwatha, filwaqt li it-tifla dejjem tibki għal ommha u għaz-ziju patern H"* (fol 19)

Tikkonkludi billi tgħid li illum bintha hija b'saħħitha u f'relazzjoni stabbli li minnha kellha tarbija.

2. **Affidavit ta' ħuha H G (Dok TD 2);**

Fl-affidavit tiegħu, ħu r-rikorrent jagħmel referenza għall-ħafna mill-istess fatti li joħorġu mill-Affidavit t'omm ir-rikorrenti. Hekk per eżempju jirrakkonta kif darba hu u missieru kienu segwew lil Manwel u A fejn hi harġet mill-karozza ta' Manwel daħħlet ġo dar u hu baqa' jistenniha gol-karozza. "*Bqajna daqxejn hemmhekk pero irrealizzajna li oħti kienet qed taħdem ta' prostituta. Eventwalment meta kien għadda iż-żmien u konna dħalna aktar fil-kunfidenza jiena u huwa, Manwel kien qalli li huwa kien il-pimp ta' oħti."*

Skont ix-xhud Manwel qatt ma kellu xogħol fiss iżda flus dejjem kellu.
Rigward il-prostituzzjoni jgħid: "*Meta kont insaqsiha jew nipprova inkellimha fuq dan ix-xogħol, oħti kienet tiffriża , u lanqas kienet titkellem . Kienet ovvja li Manwel kien iħaddimha f'dan ix-xogħol.*" (fol 21). Skontu "*oħti ma kellhiex leħen, u kont naraha temozzjona ruhha. Meta kont insaqsiha jew nipprova inkellimha fuq dan ix-xogħol, oħti kienet tiffriża, u lanqas kienet titkellem. Kienet ovvja li Manuel kien iħaddmha f'dan ix-xogħol."*[28] Isostni li rigward flus oħtu kien ikollha titlob lill-intimat għall-flus u li darba sema' telefonata bejn l-intimat u terz fejn l-intimat kien qed jinnegozja prezzijiet għas-servizzi ta' oħtu.

Dan ix-xhud ukoll isosnti li l-intimat kellu relazzjoni mal-eks tfajla tiegħu u jirrakkonta kif sar jaf b'dan u li kien hu li avza lill-oħtu b'dak li nduna. Jgħid li dakinhar l-intimat u r-rikorrenti argumentaw "*niftakar li dakinhar huwa kien qabad il-ħwejjeġ u telaq.'*[29] Skontu l-intimat għadu sallum f'relazzjoni mal-eks tiegħu.

Jirrakkonta kif spiċċa fl-inkwiet u akkużat quddiem Qorti fuq kwistjoni ta' mutur: fejn l-intimat kien qalilhom li l-mutur kien tax-xhud meta hu mingħalih li kien il-

[28] Fol 21 paragrafu 6
[29] Fol 22 paragrafu 10

mutur ta' Manuel. Ix-xhud jgħid li hu żżamm ferm mal-verżjoni tiegħu u ċaħad li l-mutur kien tiegħu

Jikkonkludi billi jgħid li oħtu illum tinsab ferm aħjar trabbi t-tarbija tagħha iżda mkissra għax hija mċaħħda minn uliedha D u E.

3. **<u>Ix-xhud J K[30];</u>**

Dan ix-xhud jispjega li kien jaf lir-rikorrenti meta kienu għadhom zgħar imbagħad ma rawx lil xulxin għal diversi snin u reġgħu ltaqagħu meta hu mar bħala klijent fil-massage parlour fejn kienet qed taħdem ir-rkorrenti.
*"Heq jien ifhmni ridt nieħu good time hu, u insomma fittixt fuq l-internet facebook, u insomma bdejt nibgaħtilha safrattant jien ma nafx li hi... omissis ... u insomma mort il-ħanut u nara lilha. U bħal speċi għedtilha - inti!? Qaltli iva, qaltli ma qagħadt ngħidlek xejn li kont tafni. U insomma minn hemm qisu..."*

Jispjega li mar hemm diversi drabi fejn hemmhekk, skontu r-rikorrenti bdiet tiftah qalbha miegħu u tgħidlu fuq il-problemi tagħha fiż-żwieġ , *"għax qed isawwatha u qed iħaddimha"*[31] u x-xhud jiċċara li dak li ried iffisser hu li l-intimat kien iġiegħlha tipprostitwixxi ruhha u li jeħdilha l-flus li taqla, u li kien iġiegħlha taħdem bilfors anki meta kienet tqila b'E u dan dejjem skont dak li kienet tgħidlu meta hu jmur ġol-post fejn kienet tagħmel dan ix-xogħol. Iżid jgħid:

*"ifhimni, li kienet twasslu biex imur jisraq, kien iġiegħlha tmur miegħu biex toqgħod fil-karozza*" sakemm ma felħitx iktar u ħassret għax anki daħħlet l-isptar Monte Karmeli diversi drabi u qisa minn hemm beda r-relazzjoni tiegħu mar-rikorrenti u dan kien għall-ħabta ta' Settembru tas-sena 2018. Jikkonkludi li qegħdin f'relazzjoni tajba u għandhom żewġt itfal flimkien.

4. **<u>Ix-xhud Stephania Calafato Testa[32] Assistent Reġistratur Qrati u Tribunbali Kriminali Malta (li ppresentat lista u numru ta' sentenzi f'dokument wieħed Dok SCT parti minn dawn id-dokumenti (pagni 38 sa 41) huma sigillati fuq ordni tal-Qorti tal-Appell);</u>**

   Ix-xhud ġiet mitluba tippreżenta kull sentenza li hemm deċiża kontra l-intimat, u f'dan is-sens esebiet dak mitlub minnha. Skont is-sentenzi esebiti l-akkużi li tagħhom l-intimat nstab ħati huma relatati ma' serq u ma' attivitajiet sesswali ma' persuni taħt l-eta u jikkonċernaw is-snin 2007 sa 2013.

---

[30] Seduta quddiem l-Assistnt Ġudizzjarju tad- 19 ta' Mejju 2021
[31] Fol 34
[32] Seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju tat- 13 ta' April 2022 xehdet wara li ngħatat l-esenzjoni.

5. **<u>Louis Buhagiar[33] in rappreżentanza ta' Job Plus li xehed fuq l-employment history tal-partijiet u ppresenta Dok LB[34] u Dok LB 1[35]</u>**

   Skont id-dokumenti ppreżentati mix-xhud, l-aħħar darba li l-intimat kellu xi forma ta' impieg kien fis-sena 2019. Il-Qorti tirrileva wkoll li f'ħajtu l-intimat qatt ma kellu xi forma ta' impieg fiss peress li meta kellu impieg dam fl-istes impieg għal ftit ġranet biss.
   Il-Qorti tirrileva li l-istess għandu jingħad għar-rikorrenti fejn bejn is-snin 2007 u 2019 ma jirriżultax li kellha xi impeig partikolarment stabbli u mid-dokumenti esebiti jirriiżulta li ilha ma jkollha xi forma ta' impieg minn Marzu tal-2019.

6. **<u>Dr Christopher Spiteri[36] in rappresentanza ta' Transport Malta.</u>**
   Ix-xhud ippreżenta lista tal-vetturi li għandu l-intimat fil-present immarkata Dok. CS; lista ta' dawk li kellu fil-passat immarkata Dok. CS 1; lista tal-vetturi li r-rikorrenti għandha fil-present immarkata Dok CS. 2, u lista ta' vetturi li r-rikorrenti kellha fil-passat, immarkata Dok CS. 3 ;

   B'referenza għal Dok. CS jirriżulta li f'isem l-intimat hemm is-segwenti vetturi rreġistrati:

   - Fiat Tempra- bit-targa ta' reġistrazzjoni EAH 579;
   - Hyundai H 100 – bit-targa ta' reġistrazzjoni BIL 100 (garaged)
   - Mitsubishi RVR – bit-targa ta' reġistrazzjoni ANT 774

B'referenza għal Dok CS 2 jirriżulta li f'isem ir-rikorrenti hemm is-segwenti vetturi rreġistrati:

- Volkswagen Passat – bit-targa ta' reġistrazzjoni BCC 312;
- Perodua Kancil – bitt-arga ta' rġistrazzjoni BBL 442.

Għal kull buon fini il-Qorti tirrileva li x-xhud xehed ukoll fuq il-vetturi passati taż-żewġ partijiet, iżda in vista li r-rikorrenti m'għamlet l-ebda referenza ulterjuri għalihom, il-Qorti mhux ser tidħol fil-mertu tagħhom.

[33] Seduta tat-13 ta' April 2022
[34] Employment history tal-intimat
[35] Employment history tar-rikorrenti
[36] Seduta tat-13 ta' April, 2022

7. **Ix-xhud Oswald Balzan[37] rappreżentant Mount Carmel Hospital li ppresenta l-file mediku tar-rikorrenti Dok. OB[38];**

Ix-xhud spjega kif ir-rikorrenti ddaħħlet l-Isptar Monte Karmeli erba' darbiet:-

- fid- 19 ta' Mejju, 2018 sat- 22 ta' Mejju, 2018;
- Fit-3 ta' Ġunju, 2018 sal-13 ta' Ġunju, 2018;
- Fl-20 ta' Ġunju 2018 sal-25 t' Ġunju, 2018
- Fl-24 ta' Awwissu, 2018 sat- 28 ta' Awwissu, 2018

Skont in-notamenti tat-tobba ir-rikorrenti għandha passat ta' *depression* u *substance abuse*. Meta daħħlet hemm l-ewwel darba dan kien abbażi ta' *attempted suicide on a background of multiple psychosocial stressors*[39]
Skont in-notamenti esebiti a fol 129 sa 131 l-mediċini preskritti lir-rikorrenti huma għal perjodu indefinit, u l-Qorti rat ukoll il-kunsens infurmat tal-pazjenta għall-kura datat 19 ta' Mejju, 2018, a fol 134.

8. **Ix-xhud Silvana Meilaq[40], in rappreżentanza tal-Home Based Therapeutic Services fi Ħdan il-Fondazzjoni tas-Servizzi Soċjali li esebit ukoll Dok. SM 1;**

Ix-xhud tispjega li r-rikorrenti ġie referred mill-*Child Protection*, ir-referral sar fil-5 ta' Settembru, 2019 u l-każ ġie allokat lix-xhud fil-25 ta' Settembru, 2019, u minn hemm bdiet taħdem magħha u bdiet tagħmel il-programm *Incredible Years* li huwa parenting programme:

"*Il-commitment tagħha kien tajjeb ħafna ... omissis... U qisu xi ħaġa wkoll li kienet issorprendietni mill-commitment tagħha li xi dik il-ġimgħa stess li welldet il-baby tagħha ġiet għas-*servizz ukoll, *jiġifieri commitment tagħha dejjem kien b'saħħtu ħafna."*[41]

Ix-xhud ippreżentat żewġ dokumenti, wieħed minnhom huwa rapport redatt mix-xhud stess u datat 18 ta' Frar, 2021 u liema rapport jidħol fl-aspett tar-referral tar-rikorrenti:

"*A was referred to the Incredible Years by Ms Alison Bonello from Child Protection Services in May 2019 with the aim to support A in her parenting skills in order to provide better ways of discipline, better time spent with*

[37] Seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju fl-14 ta' Settembru, 2022
[38] Fol 128 sa 136
[39] Fol 129
[40] Seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju fl-14 ta' Settembru, 2022
[41] Fol 146

*children, and learning to consider the effects of her decisions on her children."*[42]

Dan ir-rapport jindika li r-rikorrenti ħadmet bis-sħiħ u kkompletat l-courses b'suċċess. Jirriżulta li kellha attendenza tajba ferm fejn attendiet għas-sessions kollha – tlieta u għoxrin minnhom. B'hekk minn naħa ta' dan ix-xhud hasset li setgħet tagħlaq il-każ. Ix-xhud ippreżentat ukoll Dok SM 1 datat 05/09/2019 u ffirmat 18/09/2019, minn fejn jirriżulta li: "***both the children's parents come from a troubled past of drug trafficking, sexual abuse, theft and prostitution. They are currently going through a brutal separation which leaves them using the children to withold from each other. A and Manuel are both in other relationships at this point, while A is also 5- 6 months pregnant and Manuel has 13 other children apart from D and E***."[43]

**9. Ix-xhud Sharon Zammit[44] psikoterapista mal-*Home Based Therapeutic Services* fi Ħdan il-Fondazzjoni tas-Servizzi Soċjali;**

Ix-xhud psikoterpaista spjegat kif ilha ssegwi lir-rikorrenti minn Frar tas-sena 2020 sal-preżent, fejn skont ix-xhud ir-rikorrenti ħadmet fuq ħafna aspetti ta' ħajjitha. Ix-xhud tikkonferma li qatt ma ltaqgħet mal-intimat. Tispjega wkoll li hi kienet taf lir-rikorrenti meta l-istess rikorrenti kienet għadha żgħira waqt li x-xhud kienet għadha qed taħdem ta' pulizija u kienet resqitha l-Qorti, iżda tgħid li r-rikorrenti kienet għadha żgħira ħafna "*kont ressaqt il-każ il-qorti; fejn ingħatat raġun mill-qorti u kienet għadha żgħira ħafna, jiġifieri għaddiet minn trawmiet ... naf it-trawmiet tat-tfulija tagħha, allura kien faċli għaliha li iktar titkellem miegħi fuqhom. Ħdimna fuq it-trawmiet fiż-żwieġ li kellha*." [45]

Fuq it-trawmiet fiż-żwieġ ix-xhud tispjega:

"*A tkellmet miegħi fuq ix-xogħol li kien ikollha tagħmel u tgħaddi l-flus lil C li kien jehoduha ġo massage parlour u kien ikollha tagħmel atti sesswali ma' ħafna klijenti. Tkellmet fuq l-infedelta` li kien hemm fiż-żwieġ minn naħa tiegħu fejn ġabilha persuna oħra biex tixxerja s-sodda miegħu filwaqt li hi toħroġ mis-sodda matrimonjali. Tkellmet fuq il-fatt illi dan ... meta kienet għaddejja minn diffikultajiet ta' saħħa mentali ħadilha t-tfal u ma riedx jagħtihomlha lura. Infatti meta bdejt naħdem magħha il-goal dak li kien illi hi .. naħdmu towards illi dawn it-tfal jġu lura magħha. Imbagħad one fine day qabad u ħadhomlha lura hu.*

[42] Dok SM a fol 137
[43] Fol 141
[44] Seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju fl-14 ta' Settembru, 2022 xehdet wara li ngħatat l-esenzjoni
[45] Fol 148 sa 149.

*Tkellimna wkoll fuq din it-trawma ta' l-ulied li kienet mifruda minn ma' uliedha; u mbagħad kien hemm is-second traumatisation meta dan it-tifel E ħaduh minn magħha ...- omissis- ix-xewqa li jkollha relazzjoni tajba m'ommha ... ommha tiġi u tmur skont il-bżonnijiet tagħha, il-bżonnijiet ta' l-omm jiġifieri. A hija persuna resilient ħafna , ħafna taqa' u terġa' tqum taqa' u terġa' tqum. Taqa' mhux taqa' fl-iżbalji jiġifieri ; imma li l-ħajja itiha gambetti u hi tqum u tkompli għaddejja...."*[46]

Rigward il-minuri D, ix-xhud tispjega li mhijiex it-terapista tat-tifla (li hija ċerta Corrin Coleiro li ma xehditx f'dawn il-proċeduri), iżda taf li hi tifla li tippreżenta ċertu *challenges* iżda skontha *issa qisu l-kuntatt mal-missier naqas ħafna kważi fix-xejn ġie t-tifla qiegħda ħafna iktar settled."*[47]

Rigward il-minuri E, skont ix-xhud ir-rikorrenti qed tagħmel minn kollox biex dan it-tifel tkun tista' eventwalment terġa' ġġibu lura magħha: *"dan it-tifel qatt ma' kellu jittieħed minn ma' A. Imma l-affarijiet ġew hekk...*
*... omissis ...il-goal huwa llum illi nagħmlu dak kollu li hemm bżonn biex E jiġi lura d-da*r " [48]

10. **<u>Ix-xhud Maġġur John Mary Camilleri</u>**[49]

Ix-xhud esebixxa l-fedina penali tal-partijiet Dok JMC[50] u Dok. JMC 1[51] li ġew awtentikati mix-xhud.

11. **<u>Ix-xhud Alison Bonello[52] ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, Servizz tal-Protezzjoni tat-Tfal, li ppresentat ukoll in-notamenti tagħha Dok. AB;</u>**

Ix-xhud tixhed fuq il-każ tal-minuri E B u l-involviment tagħha f'dan il-każ. Fil-fatt skont ix-xhud ilha ssegwi l-każ mit-2015 (u għalhekk minn qabel it-twelid ta' E li twieled fis-sena 2017):

[46] Fol 149
[47] Fol 150.
[48] Fol 150
[49] Seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju fit-30 t' Jannar, 2023
[50] Fol 169 fedina penali tar-rikorrenti
[51] A fol 170 sa 175
[52] Seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju fit-30 t' Jannar, 2023- ix-xhud ġiet debitament eżentata mis-sigriet professjonali

"*Mela ilni nsegwih bażikament il-każ daħal għandna rċievejna żewġ rapporti f'Marzu 2015, u mbgħad fl-20 ta' Ġunju 2017 u tispjega kif dawn ir-rapporti saru minn nanna materna u l-isptar Monte Karmeli*"[53]

ix-xhid tispjega li meta sar l-ewwel rapport, l-omm kienet tqila b'D  u tgħid li f'dak iż-żmien ma kenitx għadha involuta hi fi-każ tar-rikorrenti iżda dak li ġie rrapurtat kien il-fatt li l-intimat kien qed jinvolvi lir-rikorrenti : *"...fil-prostituzzjoni, allegatament bejgħ tad-drogi u intqal li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kienet xejn tajba... It-tieni rapport imbagħad kien jitratta fuq is-saħħa mentali ta' l-omm; fil-fatt li kienet għamlet attentat ta' suwiċidju quddiem it-tifla D, u fl-istess waqt il-professjonisti ta' l-isptar kienu wkoll inkwetati rigward il-missier li kien hemm għajdud li qed jagħmel użu u bejgħ ta' droga wkoll "*
Ix-xhud imbagħad tkompli tispjega x'kien l-involviment tagħha fejn ħadmet f'bosta interventi intensivi mal-membri tal-familja kollha u fejn hemm kien hemm kuntatt maż-żewġ partijiet kemm kuntatt ippjanat u mhux ippjanat. Tispjega kif kien hemm ukoll interventi mill-professjonisti. Ix-xhud imbagħad tidħol fid-dettall ta' x'kien ġara dak iż-żmien fejn tgħid li l-partijiet kellhom każ pendenti u l-intimat kien ġab digriet favurih bil-kura u l-kustodja tat-tfal. Inzertat li dakinhar li l-intimat mar l-Aġenzija b'dik il-karta, hi ma kenitx hemm iżda kien hemm il-manager tagħha Ann Marie Ciantar u permezz ta' dan id-digriet it-tfal minflok fostering spiċċaw mal-intimat. It-tfal baqgħu jiġu segwiti iżda dak iż-żmien iktar kienu qegħdin ikunu maz-zija Diane u man-nanna paterna. Minn naħa l-oħra r-rikorrenti kienet tkompli tinsisti magħhom li z-zija ma kenitx mara idoneja u allegat li z-zija kellha issues ta' prostituzzjoni u droga u f'dan is-sens minn naħa tagħhom għamlu rapport mal-pulizija. Tispjega li eventwalment it-tfal reġgħu ingħaqdu mar-rikorrenti u minn naħa tad-Direttorat huma kienu kuntenti għax meta huma kienu ppreżentaw ir-rapport tagħhom fis-sena 2019 kienu rrappurtaw li l-omm kienet ħadmet ħafna fuq ir-rakkomdanzzjonjiet li tawha, kuntrarjament għall-intimat li ma kien ħa kważi l-ebda rakkomandazzjoni abbord. Kollox deher li kien miexi sew iżda x-xhud tkompli billi tgħid li r-rikorrenti kienet kelmitha li kienet inkwetata minħabba l-imġieba tal-minuri E. Ix-xhud telabora fuq xiex kienu l-concerns tal-omm rikorrenti, iżda ftit ġranet wara kellha tħassar l-appuntamentt li kienet skedat magħhom għax il-minuri E kellu jiddaħħal l-isptar:

*"Qaltli veru qiegħed ħażin; qaltli jidher li għandu dak iż-żmien għal dak il-punt kien jidher li għandu meningitis u qed jgħidulna li jaf ma jsalvax. Din kienet qisu l-ewwel verżjoni li smajna. Imbagħad qisu iktar ma bdew*

[53] Fol 186

*jgħaddu ġranet aħna wkoll it-tabib tagħna Dr Mariella Mangion kienet l-isptar, imma fl-istess ħin tabiba tagħna wkoll, allura nirċievu feedback minn naħa tagħha. Qisu mbagħad bdew jaraw li t-tfal għandu affarijiet li huma oltre minn ... meningitis ma kienx, sorry, jiġifieri dak kien l-ewwel ħsieb, imma ma kienx. Kienet qaltilna Dr Mangion kienet qaltilna li kien viċin il-mewt, u qisu huma bdew isibu affarijiet li huma oltre; qalulna li kien severely ....ma kienx qed jiġi mitmum li kellu ħafna daqqiet li ..., dan dejjem li qed ngħidulkom skont it-tobba, sewwa?...*

*.... it-tobba kienu konċernati ħafna, hemm rapport sħiħ mit-tobba, u aħna fl-aħħar mill-aħħar qisu irridu nimxu skont il-professjonisti, sewwa ...*
*... omissis?*[54]

Ix-xhud tkompli tispjega li minn naħa tagħhom kif sabu ruhhom f'din is-sitwazzjoni ppruvaw kemm setgħu biex jifhmu aħjar x'seta' ġara lil E imma hmmhekk kellhom idejhom marbutin minħabba r-rapporti mediċi li kien hemm. B'hekk kien hemm żewġ għażliet: jew *care order* jew *voluntary care order*.

Dr Carina Nagiah: " *Tagħtek spjegazzjoni Trisha at that point ...?*

Xhud: *Trisha li kienet qaltilna fuq id-daqqiet kienet qaltilna jien għedtilkom qisu li hu kien qed iweġġa' lili nnifsu; u jiena... vera qaltilna. Jiġifieri u dawn l-affarijiet għedthom lit-tobba,* ***pero` qisu t-tobba kienu iktar konċernati minn hekk, ma ħassewx li huma affarijiet li tifel jagħmel lilu nniffsu. Kienet qaltilna li hu jiekol iktar mill-partner tagħha li hu raġel kbir, jiġifieri li qatt ma kien hemm concerns ta' ikel. Imma minn naħa l-oħra kif qed ngħidlek qisu... aħna konna ħafna bejn ħaltejn jiġigieri kellna storja li kienet kompletament il-kontra ta' oħra. Min-naħa l-oħra ... u konna ngħidulha lil Trisha, konna ninsistu ħafna magħha; li isma l-professjonisti minn l-isptar l-medical professors qed jgħidulna li dan it-tifel kien ilu ma jiekol , qisu ... pero` qat ma stajna niġu f'konklużjoni.***
***Min-naħa l-oħra kellna wkoll feedback u... kemm li qsamtha ma' Trisha li qisu minn l-isptar kienu jgħidulna per eżempju ma jġibulux affarijiet, jew idumu ma jiġi jarawh, u qisu konna inkellmu l-istess; aħna dejjem konna nkunu onesti ħafna magħha, u kienet tgħidlina, isma mhux il-każ; ġie ... kemm-il darba mort, ħadtlu l-affarijet; dejjem neħodlu l-affarijiett. Allura kona ħafna kontra xulxin; pero`fl-aħħar minn l-aħħar l-aktar ħaġa importanti kienet il-medical state tat-tifel . Ma stajniex nissogra..."*** (Emfasi u sottolinear tal-Qorti)

[54] Fol 186/187

Ix-xhud tikkonferma wkoll li dak iż-żmien ir-rikorrenti kienet tqila u weldet ftit qabel il-minuri E ħareġ mill-Isptar, iżda ma kenitx f'posizzjoni li tikkonferma jekk dak kien żmien il-pandemija.

Tkompli billi tgħid li filwaqt r-rikorrenti kienet baqgħet issostni magħhom li l-kura u l-kustodja kienet waħda konġunta, f'idejhom huma kellhom dokument legali li kien juri l-kontra u ċioe` li kien l-intimat li kellu l-kura u l-kustodja tat-tifel, b'hekk huma kellhom bżonn il-firma tal-intimat biex il-minuri E jidħol f'kura alternattiva. Tispjega li dak iż-żmien l-intimat kien il-ħabs u ffirmalhom id-dokumenti meħtieġa. Ix-xhud baqgħet issewgi lit- tfal l-oħra tar-rikorrenti u fil-11 ta' Marzu 2011 għalqet il-każ għax ħasset li ma kienx hemm iktar bżonn li l-każ jibqa' miftuħ u dan abbażi tal-fatt li skont ix-xhud " *għalaqt il-każ fuq il-bażi li ma kien hemm l-ebda concern fuq it-tfal l-oħra. Jiġifieri t-tfal l-oħra kienu miżmumin tajjeb. Aħna kellna concern kbir fil-bidu fuq D vis-a-vis l-iskola , pero` li kienet qiegħda tattendi; jiġifieri ma kellniex koncern. Pero` qisu fuq E dejjem kien għad baqa' dik il-question mark u allura baqa' in care. Minn naħa tiegħi qisu daqshekk."*[55]
Ix-xhud iddikjarat li ma tafx x'ġara u x'ma ġarax wara Marzu 2022 u lanqas ma kienet involuta f'dak li kellu x'jaqsam mal-aċċess tal-partijiet vis-a-vis il-minuri E li fl-present qiegħed f'kura alternattiva.

**12. <u>Ix-xhud Isabelle Mallia[56], ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal kura alternattiva *Looked After Children*</u>**

Ix-xhud ġiet imħarka sabiex tixhed fuq il-minuri E. Tispjega li l-minuri l-ewwel daħal taħt is-CPS peress li kien qed għall-ħabta ta' Marzu 2021 kien qed jiġi fostered, iżda minn naħa tagħha bdiet taħdem fuq il-każ għall-ħabta ta' Ġunju 2021 meta l-każ ġie assenjat lid-direttorat tal-Kura Alternattiva - *Looked After Children,* fejn ġie iffirmat kuntratt soċjali. Tispjega li dan il-kuntratt ġie ffirmat miż-żewġ partijiet, u dan bħala l-ġenituri tal-minuri konċernati u skontha kien hemmhekk li ssolviet l-inċertezza tal-kwistjoni ta' min fosthom kellu tal-kura u l-kustodja.

Tkompli tispjega li f'dan il-kuntratt iffirmat:
"*kien hemm listed l-obbligi li huma kienu aċċettaw li ... għax dejjem kien każ volontarju, ma nħarġitx care order, l-idea li ssir reintegrazzjoni dejjem kienet baqgħet miftuħa."* [57] u tispjega li r-raġuni għaliex il-minuri

---

[55] Fol 189
[56] Seduta quddiem l-assistent ġudizzjarju fit-30 t' Jannar, 2023
[57] Fol 190

eventwalment iddaħħal *f'residential care* kien minħabba li l-*foster carer* tiegħu *ma kenitx kapaċi taqdi l-bżonnijiet* tal-minuri, speċjalment dawk emozzjonali. Ix-xhud ssemmi d-diffikultajiet li sabet il-*foster carer,* fosthom il-fatt li t-tifel ma tantx jaf jitkellem l-iktar kelma li jitnissel 'no', li kien imqareb ħafna, li kien dejjem bil-ġuh u li kien qed jaġħmel ċertu affarijiet li kellhom konnotazzjonijiet sesswali.

Skont dak li tispjega x-xhud, f'dan l-perjodu, l-aċċess tal-partijiet vis-a-vis il-minuri kien skont il-kuntratt soċjali, fejn iż-żewġ partijiet kellhom aċċess ta' siegħa kull wieħed. Tispjega li nonostante li r-rikorrenti kellha t-tfal l-oħra x'tieħu ħsieb, hija dejjem attendiet. Minn naħa l-oħra l-intimat ma kienx jattendi b'mod daqshekk regolari. Ix-xhud tispjega li fuq talba tar-rikorrenti stess l-aċċess tagħha beda jsir id-dar tagħha:

*"Morna naraw id-dar fejn kienet qiegħda tirrisjedi hi Trisha mal-partner tagħha, u wara li speċi għamilna l-aċċertamenti tagħna, għalkemm id-dar ma kenitx komda ħafna, għax ma kinetx id-dar tagħha, kienet id-dar tal-mama` tal-partner tagħha u prattikament kienet qiegħda tirrisjedi ġo kamra waħda b'ħafna tfal, pero` jigifieri ma kien hemm xejn li jżomm illi jsir dan -aċċess fil-verita`. U minn dak iż-żmien 'l hawn l-aċċess imbagħad minn siegħa żidna l-aċċess għal sagħtejn u ġiet l-aħħar ... il-kuntratt, l-ewwel kuntratt kien mit-30 ta' Ġunju 2021 sa 30 ta' Ġunju 2022. Sakemm ġie biex jagħlaq il-kuntratt l-affarijiet kellhom isiru kienet bdiet taħdem ħafna fuqhom Trisha, jiġifieri progress kien sar pero` ovvjament li t-tifel għadu qed jara lil mama` tiegħu sagħtejn f'ġimgħa li jkun hemm reintegrazzjoni minn naħa tagħna ma konnix għadna komdi bid-diffikultajiet illi konna qegħdin insibu wkoll min ta' E biex isir reintegrazzjoni. Allura tkellimna ma' Trisha u fthemna ma' Trisha li ser nerggħu nagħmlu kuntratt soċjali ieħor li skada f'Diċembru li għadda"* (u ċioe` 2022).

Fix-xhieda tagħha ix-xhud spjegat li ġie ffirmat kuntratt soċjali ieħor għal sitt xhur fejn l-aċċess żdied u li fiż-żmien meta tat ix-xhieda tagħha u ċioe Jannar, 2023, l-aċċess tar-rikorrenti kien regolat kif ġej: <u>tlett sigħat fejn tkun waħedha mal-minuri u l-aħħar siegħa tkun taħt superviżjoni</u>. Tikkonferma wkoll li l-pjan ta' kura qatt ma nħareġ u jibqgħu jittamaw li xi darba jkun jista' jsir ir-reintegrazzjoni bejn il-minuri E u r-rikorrenti iżda kien għadu kmieni wisq biex dan isir. Skontha kien għad hemm inċertezzi fuq dak li ġaralu l-minuri E u għalfejn spiċċa daqshekk marid. In oltre` ix-xhud enfasizzat punt ieħor rilevanti u ċioe li jekk xi darba jkun jista' jseħħ ir-reintegrazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-minuri E l-ewwel irid isir assessjar tal-persuni kollha li jgħixu fl-istess dar mar-rikorrenti.

*"Trisha dejjem mxiet ma' dak li għednielha jiġifieri, fil-verita` dejjem fhimna li għandha will kbira li jerga' jkollha lil E. Din hija xi ħaġa li żgur, għax jien minn l-ewwel darba li ltqajt magħha bil-puschair fil-kuridur ta' l-Appoġġ, u tgħidilna kull darba ..., ma naħsibx illi mhux vera jiena. Pero bħal ma qed ngħidu, aħna qisu iċ-ċirkostanzi ma għenuniex lanqas xejn biex inkunu nistgħu nagħmlu reintegrazzjoni. U lanqas, u dejjem għedt lil Trisha qatt ma għedtilha li hundred percent ħa nagħmlu reintegrazzjoni. Ma nistax ngħidilha; m'huwiex kompitu tiegħi. Jiena naħdem biss f'team, jiena biss one person minn dan it-team kollu ta' nies li niltaqgħu biex nieħdu d-deċiżjonijiet."*[58]

Skont ix-xhud kien hemm talba mingħand l-intimat biex hu wkoll ikollu aċċess fid-dar tiegħu, u x-xhud tgħid hekk:

*" Ovvjament kura u kustodja hi taż-żewġ ġenituri. Għamilna l-istess affarijiet bħal meta morna għand Trisha u ha nagħtuh ukoll aċċess ta' darba f'xahar, naqqasnielu l-aċċess . Iċ-ċirkustanzi ta' C huma differenti minn ta' Trisha. Trisha qed tippreżenta stampa kważi stabbli. Hemm ħafna affarijiet u ġraw ħafna affarijiet f'dan l-aħħar fejn lanqas tinsiex għax dejjem kellna daqsxejn kwistjoni fuq l-istabbilta` ta' Trisha. Trisha għandha four (4) children, veru għandha tlieta (3) magħha u fil-verita` m'hemmx raġuni għaliex ma għandux ikollha r-raba` wieħed, pero` E diġa` kien ser jitlef ħajtu darba; din hija l-prassi li naħdmu biha aħna,* ***qabel Trisha tkun veru stabbli u ta' madwarha ikunu stabbli wkoll, E mhux ser jagħmilha s-switch,*** *għal issa kif dejjem ħsibniha aħna. Issa ta' C dan ma hux il-każ,* ***C mhux qed jitlobna li jkollu t-tifel miegħu. Naħseb li C jaħseb illi jkun iktar komdu minħabba li jiffirma ġo xi għases u qed isibha diffiiċli biex jiġi bejn il-ħamsa u s-sitta għaliex għandu jkun sas-sebgħa d-dar dan. Pero` aħna ħassejna li dan huwa missier it-tifel, anke jekk ikun hemm reintegrazzjoni …. Anke lit-tfal li għandna ġenitur il-ħabs ma ninnegawlhomx l-aċċess …. Omissis… il-possibilta` hija li jibda jara lit-tifel darba f'xahar għal sagħtejn b'superviżjoni, b'superviżjoni ħalli d-dritt tieħu ta' papa jkunu rispettati wkoll. M'hemmx il-ħsieb ... m'hemmx il-ħsieb li jinbidel dan l-aċċess jew li jiżdied għal issa, nafu l-kondizzjonijiet illi C qiegħed bihom bħala probation officer. Hemm diversi fatturi li huwa jrid iseqwi u mhux dejjem qed iseqwihom. Jiġifieri aħna min-naħa tagħna għal issa nħossu illi l-aċċess tiegħu jibqa' iffissat dan li ħareġ.*** (Emfasi u sottolinera tal-Qorti)

Ix-xhud tikkonkludi billi tgħid li l-fatt li hija xi ħaġa pożittiva li qatt ma ħareġ il-pjan ta' kura, iżda l-istess xhud tenfazizza wkoll li ma kenitx f'posizzjoni li

[58] Fol 191

tikkometti ruhha bl-ebda mod fuq il-kwistjoni ta' reintegrazzjoni, ħlief li l-possibilta` ta' reintegrazzjoni qatt ma ingħalqet "*I contribute to the decision but it's not my decision"*[59]

Il-Qorti terġa' tirrileva li l-intimat kien kontumaċi f'dawn il-proċeduri. In oltre` qatt ma deher quddiem il-Qorti; ma weġibx għar-rikors b'urġenza tar-rikorrenti tat-2 ta' Novembru, 2020 u dan wara li ġie debitament notifikat u ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet.

## DWAR IT-TALBA GĦAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba, u ċioe` dik relatata mat-talba ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores sive Doris vs Anthony Scicluna**[60] fejn ġie ritenut li: "*sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux meħtieġ li jikkonkorru l-eċċessi, is-sevizzi, it-theddid u l-inġurji gravi, iżda kull waħda minn dawn ir-raġunijiet waħedha hija suffiċjenti"* u żżid tgħid li: "*l-liġi tqiegħed bħala motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali u mhux inċidenti minuri ... Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażin u mhux b'atti iżolati waqt xi tilwima.*"

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel referenza għall-provi li ressqet ir-rikorrenti, fosthom fejn insibu l-affidavit tagħha, ta' ommha u ħuha, in oltre` l-provi dokumentarji fosthom u partikolarament is-sentenzi li ngħataw mill-Qrati Kriminali (Malta) kontra l-intimat[61] u li ġew esebiti quddiem l-Assistent Ġugizzjarju mix-xhud Stephania Calafato Testa Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Malta, u mix-xhud Maġġur John Mary Camilleri, li xehed quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fis-seduta tat- 30 ta' Jannar, 2020 u li esebixxa l-fedina penali tal-intimat[62].

Il-Qorti tagħmel referenza wkoll għan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti. Fis-sustanza dak li joħroġ mill-provi huwa li bejn il-partijiet kien imposibbli li jkun hemm konvivenza matrimonjali. Kien hemm wisq attivita irregolari u kontinwu għaddej li jmur kontra kull aspett ta' konvivenza matrimonjali. Il-Qorti hija moralment konvinta li r-rikorrenti ipprovat sodisfaċentement li sabet ruhha taħt l-kontroll abbużiv u skorret tal-intimat. Huwa ċar għall-Qorti li l-intimat ma kellu l-ebda intenzjoni li jipprovdi għall-familja tiegħu u jerfaħ r-

[59] Fol 193
[60] Deċiża fis-27 ta' Novembru, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (1715/2001/1)
[61] Fol 48 sa 86
[62] Fol 169 sa 175

responsabiltajiet tiegħu nħala raġel miżżewweġ. Il-ħajja li ried kienet mimlija attivita irregolari sa anki wasal biex iħaddem lill-martu u daħħalha fid-dinja tal-prostituzzjoni. Dan huwa fatt li ġie kkoroborat anki mill-familjari tar-rikorrenti, li qalu b'mod ċar li kien hu li kien iwasslha għax-xogħol u jerġa jiġborha u jżommilha l-flus kollha hu r-rikorrenti rnexxielha tipprova anki bil-koroborazzjoni ta' dak li qalu l-familjari tagħha, dan kollu ma kienx tal-mistħija tal-intimat. Il-fatt li l-intimat qatt ma ħadem għall-familja tiegħu huwa ppruvat mix-xhieda tar-rappreżentant ta' jobs plus.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza wkoll għax-xhieda tal-ħaddiema soċjali li ħadmu ma' l-istess rikorrenti għal diversi snin u għal dak li jirriżulta mill-file mediku tar-rikorrenti esebit in atti fejn.

Il-Qorti hija konvinta li r-rikorrenti kienet vittma ta' dan l-ċirku vizzjuz, hekk kif anki ġie kkonfermat anki mill-familjari tagħha u spiċċat f'punt fejn ikkrollat u ppruvat tagħmel suwiċidju fejn spiċċat rikoverata kemm l-isptar u anki l-isptar Monte Karmeli fejn daħħlet ċirca erba' darbiet f'perjodu ta' xahar, hekk kif jirriżulta mill-file mediku tagħha esebit in atti.

Fil-fehma tal-Qorti dan jikkostitwixxi eċċessi, sevizzi u inġurji gravi fit-termini tal-artiklu 40 tal-Kap 16 da parti ta' l-intimat.

Kif jirriżulta minn dak li tgħid ir-rikorrenti stess, hija sfortuna kbira li nonostante li kien hemm bosta sinjali mill-bidu nett ta' relazzjoni tal-partijiet anki qabel iż-żwieġ. In oltre hi stess tammetti li anki l-ġenituri tagħha kemm-il darba avżawha li l-intimat ma kienx jgħodd għaliha iżda ma semgħetx minnhom. Naturalment bħala konsegwenza ma setgħetx ma tispiċċax vittma bħal dawk ta' qabilha.

Nonostante` l-għażliet ħżiena tar-rikorrenti, l-Qorti hija moralment konvinta li l-intimat rrenda ruhu ħati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minħabba n-natura abbusiva, krudili u kriminali tiegħu u l-persistenza fl-imġieba ħażina tiegħu. Ħajja karatterizata b'disrispett u abbuż totali lejn martu u t-tfal tiegħu, fejn per konsegwenza kien imposibbli li jkomplu jgħixu flimkien. Għalhekk il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex l-ewwel talba tar-rikorrenti m'għandhiex tiġi milqugħa abbażi tal-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-allegażjoni tar-rikorrenti li l-intimat hu ħati ta' l-adulterju jingħad li l-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni.

Il-Qorti tinnota li r-rikorrenti u l-familjari tagħha kkonfermaw li l-intimat kellu relazzjoni mal-eks ta' ħuha – ċerta L Camilleri, mandakollu fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent ma ressqet ebda prova skjaċċanti iżda biss allegazzjoni li ġiet

korroborata minn ommha u ħuha, iżda ma pprżentawx l-screenshots ta' dak li allegatment raw fuq *facebook*, u in vista tan-natura ta' din il-kawżali u d-diffkulta` tal-prova tal-istess kawżali, l-Qorti tara illi l-adulterju ma ġiex ippruvat b'indizzi u ċirkostanżi li ma jħallu ebda dubju:

"*l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi 'kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra. Illi kif tajjb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet: Rita Spiteri vs Dr Albert V. Grech et noe (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693)l-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda stante d-diffikulta tal-prova kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fl-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzjii u preżunzjonjiet, purche dawn ikunu gravi preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika.*" [63]

Illi fil-fehma tal-Qorti fiwaqt li r-rikorrenti ressqet provi ċari dwar il-ħajja kaotika u irregolari li spiċċat vittma tagħha, naqset milli tressaq provi skjaċċanti li jikkonfermaw l-adulterju min-naħa tal-konvenut.

## RIGWARD IT-TALBIET RELATATI MAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Illi l-intimat ma ppreżenta l-ebda risposta għall-kawża u ovvjament lanqas ma ppreżenta kontro-talba. Qatt ma deher jew ipparteċipa f'dawn il-proċeduri u lanqas ma ppreżenta riposta meta ġie debitament notifikat bir-rikors b'urġenza tar-rikorrenti tat- 2 ta' Novembru, 2020 abbażi ta' liema rikors il-Qorti ordnat lill-Agenzija Appoġġ, *ossia* l-ħadiema soċjali Alison Bonello, sabiex tirrelata fuq dawk it-talbiet *pendente lite* tar-rikorrenti li kienu jikkonċernaw din il-materja tant delikata u importanti rigward il-kura u l-kustodja tal-minuri D u E B.

Illi finalment il-Qorti tirrileva li l-intimat naqas milli jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali u fid-dawl ta' dan kollu, għall-Qorti dak li jirriżulta bl-aktar mod ċar huwa: a) li l-intimat m'għandu ebda interess li jiġi fdat bil-kura u l-kustodja tat-tfal tiegħu u b) abbażi tal-provi li ġew mressqa, din il-Qorti mhijiex ser tkkunsidra li huwa jiġi fdat bil-kura u l-kustodja tat-tfal u l-Qorti ser tmur oltre` minn hekk għaliex fil-fehma tagħha jeżistu raġunijiet suffiċenti sabiex jiġi żvestit mis-setgħa ta' ġenitur, u dan abbażi tal-artikolu 154 subinċiżi (b) u (e) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, b'hekk l-Qorti qed tordna li l-intimat jiġi żvestit mill-jeddjiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri.

---

[63] Deċiża mill-Prim' Awla ta-Qorti Ċivili 27 ta' Ġunju 1964 fl-ismijit Rosina Micallf vs Angelo Micallef. F'dan is-sens ara wkoll Sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti ċivili Cit Nru: 1715/2001/1 RCP deċiża fis-27 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet: Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna.

Illi f'kwistjonijiet ta' natura daqshekk delikata dwar il-minuri bħalma huma l-kura u l-kustodja, neċessarjament jiġu deċiżi skont x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri. Dan qiegħed jingħad in linea tal-kawża fl-ismijet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[64] u **Scicluna Maria Dolores sive Doris vs Sicluna Anthony**[65] fejn ġie ritenut:

*"Il-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika, sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-prinċipju ta' l-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess ta' l-istess tfal li ċ-ċirkusanzi tal-każ u l-koefiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment"*

Hawnhekk f'dan il-każ konkret, il-Qorti għandha eżerċizzju delikat immens. Kif suċċitat il-Qorti timxi strettament mal-prinċipju ta' l-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal <u>u skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.</u>

Il-Qorti tirrileva li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jirrikjedu li timxi b'kawtela kbira, u dan in vista ta' dak li dawn il-minuri diġa` għaddew minnha mill-bidu nett ta' ħajjithom. Ta' eta` tenera diġa` raw u għaddew minn wisq u l-Qorti trid taċċerta ruhha li issa dawn il-minuri jibqgħu protetti u jingħatw iċ-ċans li jitrabbew b'ċertu stabbilta` .

Il-Qorti qed tirrikonoxxi l-isforzi kbar li qed tagħmel ir-rikorrenti u dan kif anki ġie rrappurtat u kkonfermat mill-ħaddiema soċjali li xehdu f'dawn il-proċeduri u li ilhom involuti f'dan il-każ.

Il-Qorti ser tilqa' l-maġġor parti tar-rakkomandazzjonijiet tal-istess ħaddiema soċjali, iżda ma tħoss li għandha tieqaf hemm u dan anki in vista ta' kif xehdu l-ħaddiema soċjali stess. Kien f'dan is-sens li l-Qorti ħassitha fid-dmir li tirriproduċi testwalment dak li qalu dawn ix-xhieda tant rilevanti f'dawn il-proċeduri.

Jibqa' l-fatt li ġraw ċertu affarijiet lill-minuri E, li sallum jibqgħu bla spjegazzjoni. Dan it-tifel kien ser jitlef ħajtu waqt li kien qiegħed fil-kura u l-kustodja effettiva ta' ommu. It-tobba kellhom diffikulta` kbira u tħassib serju hekk kif xehdu kemm Alison Bonello u Isabelle Mallia. Huwa minnu li dak li seħħ ġara lil E biss u mhux lil D, iżda l-Qorti filwaqt li ser tilqa' r-

[64] Deċiża nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur 1396/2001)
[65] Deċiza nhar is- 27 ta' Novembru 2003 mill-qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) (Cit Nru 1715/2001

rakkomandazzjonijiet tal-ħaddiema soċjali rigward il-kura u l-kustodja u r-residenza ta' D B, anki fil-konfront ta' D B, ser tipprovdi ulterjorment kif ġej:

**Il-Kura u l-kustodja tal-minuri D**

Illi l-Qorti ser tilqa' t-talba tal-attriċi u ser tafda lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja ta' bintha l-minuri D, u konsegwentement il-minuri għandha tkompli tirrisjedi ma' ommha r-rikorrenti, iżda il-Qorti tordna li jkun hemm *monitoring* mid-Direttorat b'dan li il-ħaddiema soċjali, inkluż dawk li qegħdin/jew li kienu qegħdin, isegwu lill-minuri D ikomplu jsegwuha sabiex hekk jiggiwdaw lir-rikorrenti u jassiguraw li r-rikorrenti qiegħda tgħix f'ambjent li huwa idoneu għat-tfal, fejn il-minuri tista' tiżviluppa u titrabba serenament. B'hekk il-Qorti qed tordna li jkun hemm *monitoring* mid-Direttorat u tħoss li għandha żżid s-segwenti ordnijiet:

- Li r-rikorrenti għandha tirċievi għajnuna medika psikjatrika b'mod regolari;
- Li jibqgħu involuti l-*Home Based Therapy Services* fejn ir-rikorretni omm jkollha tattendi wkoll għal dawk il-korsjiet li jiġu indikati lilha mid-Direttorat;
- Li d-Direttorat jibqa' jagħmel *home visits* mhux ippjanati u jivverifikaw l-attendenza tal-iskola tal-istess minuri.

**Il-Kura u l-kustodja tal-minuri E**

Fir-rigward tal-minuri E, huwa għandu jibqa' jirrisjedi f'kura alternattiva sakemm id-Direttorat ikun fil-pożiżżjoni li jikkonkludi l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni iktar permanenti kif rrelataw huma stess fir-rapport datat 07.03.2022. Konsegwentement f'dan l-istadju l-Qorti mhijiex ser tilqa' t-talba tar-rikorrenti u mhux ser tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E lilha, iżda ser tafda l-kura u l-kustodja lid-Direttorat u dan sakemm u jekk id-Direttorat iħoss li hemm lok għar-reintegrazzjoni fejn il-minuri E ikun jista' jerġa' jmur jirrisjedi fid-dar tar-rikorrenti, b'dana li r-rikorrenti omm għandha jkollha aċċess adegwat għall-binha skont dawk il-modalitajiet li fil-fehma tad-Direttorat huma adegwati biżżejjed, u mhux inqas mill-modalita li qed tiġi implimentata fil-preżent skont l-aħħar kuntratt soċjali ffirmat.

**Rigward l-Aċċess tal-intimat għall-uliedu.**

Hawnhekk il-Qorti tinnota s-segwenti:

Li mix-xhieda tal-ħaddiema soċjali hemm min qal li l-intimat m'għandux xi ħeġġa partikolari biex jara lit-tfal tiegħu u hemm min qal li l-intimat talab biex jara lil minuri E id-dar tiegħu. Hawnhekk isir referenza għax-xhieda ta' Isabelle

Mallia fejn hi qalet b'mod ċar li qiegħed jiġi ikkunsdrat li l-intimat **<u>jibda jkollu aċċess b supervizjoni vis-a`-vis it-tifel E darba fix-xahar għal sagħtejn biss.</u>** Ma jingħad xejn rigward il-minuri D.

Illi imbagħad skont is-sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti, hi ssosnti:

*"Illi l-missier ma jkollu l-ebda aċċess għall-bintu, fid-dawl tal-fatt illi huwa assenti għall-kollox minn ħajjet bintu, u fid-dawl tal-provi mressqa f'dawn il-proċeduri. F'każ illi din l-Onor. Qorti tħoss li huwa sikur li jkun hemm aċċess, tali aċċess għandu dejjem ikun taħt us-superviżjoni tal-ħaddiema soċjali tal-Aġenzija Appoġġ."*

Illi *ai termini* tal-artikolu 57 subinċiż 3 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti għandha d-diskrezzjoni li tipprojbixxi għal kollox lil kwalunkwe wieħed mill-ġenituri li jkollhom aċċess għall-ulied tagħhom meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid tal-istess minuri.

Illi fid-dawl tal-provi mressqa u r-rapport tal-ħaddiema soċjali u dak sottomess mir-rikorrenti l-Qorti ser tipprovdi kif ġej:

1. Illi fl-ewwel lok kwalunkwe forma ta' aċċess tal-intimat jista' jseħħ biss taħt is-superviżjoni tad-Direttorat, u in oltre` tali aċċess għandu jseħħ fir-residenza tal-intimat biss jekk ikun hemm il-qbil minn naħa tad-Direttorat. 2. L-aċċess li għandu jsir taħt is-supervizjoni tal-istess Direttorat m'għandux ikun ta' iktar minn sagħtejn darba fix-xahar, u dan in linea ma' dak li minn naħa tad-Direttorat qed jiġi iikunsidrat fil-preżent hekk kif xehdet Isabelle Mallia. Madanakollu, qabel jiġi eżerċitat xi forma ta' aċċess il-Qorti tordna li fl-ewwel lok jsiru s-segwenti verifiki mid-Direttorat:

i) Li l-ewwel u qabel kollox l-intimat għandu jikkompleta kull kors identifkat lilu mid-Direttorat hekk kif għamlet ir-rikorrenti meta attendiet b'suċċess il-kors ta' *Incredible Years*. u;

ii) Li l-intimat għandu jmur għal terapija personali (vide rapport ta' Alison Bonello), u jkun biss f'każ ta' eżitu pożittiv li jkun jista' jibda jeżerċita l-aċċess ta' darba fix-xahar għall-uliedu; u

iii) Li d-Direttorat jitkellem separatament mal-minuri konċernati u mat-terapisti rispettivi tagħhom sabiex jivverifika jekk l-istess ulied iridu jkollhom relazzjoni ma' missierhom jew le u jekk huwiex fl-interess suprem tagħhom li jkollhom relazzjoni miegħu;

iv) Huwa biss f'dan ir-raba` stadju li huwa jista' jkollu aċċess għall-uliedu taħt is-supervizjoni tad-Direttorat u sakemm isiru dawn il-verifiki kollha minn naħa tad-Direttorat tali aċċess ser ikun sospiż.

**DWAR IT-TALBIET RELATATI MAL-MANTENIMENT TAL-ULIED**

Din it-talba hija konsegwenzjali għat-talba relatata mal-kura u l-kustodja tal-minuri. Ġialadarba il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri D B għandha tiġi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv allura dan neċessarjament ifisser li l-intimat għandu jikkontribwixxi għall-għixien ta' bintu billi jħallas manteniment għaliha favur ir-rikorrenti omm. Dan qiegħed jingħad in linea ta' ġurisprudenza, fosthom il-kawżi fl-ismijiet Portelli I pro et noe ve Portelli John[66] u Tabone Lea pro et noe vs Jesmond Tabone[67] fejn saret referenza għas-segwenti artikoli tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

l-Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li:-

*"Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skond il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja."*

L-artikolu 3B li jistipula illi:
"*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."*

l-artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16 fejn insibu:-

"*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-miżżewġin huma f'posizzjoni ta' ugwaljanza u għandhom l-istess drittijiet u allura anke skond l-artikolu 2 tal-Kap tal-Kap 16 jerfgħu r-responsabiltajiet indaqs matul iż-żwieġ tagħhom.

L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bżonnijiet tal-minuri u fl-interess tal-istess minuri.

---

[66] Deċiża nhar il-25 ta' Ġunju 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit Nru. 2668/1996/2)
[67] Deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur 1396/2001)

Naturalment kif għandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wieħed mill-ġenituri, tvarja minn każ għal każ, u ħafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bżonnijiet tal-istess minuri, pero` xorta jibqgħu veljanti u skjetti l-prinċipji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri versu l-istess ulied, speċjalment għall-manteniment tal-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjeż meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom u skond il-bilanċ bejn il-bżonn u l-mezzi, ikkalkulati *ai termini* tas-sub-artikoli tal-istess artikolu 20 tal-Kap 16.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-minuri m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut.

Il-Qorti hija sprovvista minn dettalji u provi rigward: i)x'benefiċċju jew għajnuna soċjali r-rikorrenti qed tiperċepixxi jew jekk ir-rikorrenti hijiex taħdem fil-preżent; u ii)xi spejjeż qed ikollha tħallas ir-rikorrenti kull xahar għall-bżonnijet tal-minuri D.

Madanakollu u tenut kont li r-rikorrenti sejra tiġi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri D B, u għalhekk ir-responsabbilita` tal-istess minuri sejra tiġi fdata lilha b'mod esklussiv, dan neċessarjament ifisser li l-istess rikorrenti qiegħda tikkontribwixxi għall-istess minuri mhux biss b'mod finanzjarju iżda ser tikkontribwixxi wkoll f'kull aspett ieħor relatat mal-minuri stante li D ser tkompli tgħix mar-rikorrenti fir-residenza tagħha, u dan kif issa ilha tagħmel mis-sena 2020, u għajr għal dak li l-Qorti ser tordna fir-rigward ta' *monitoring* fl-interess suprem tal-istess minuri D , ser tkun ir-rikorrenti li ser ikollha r-responsabilta` esklussiva ta' bintha D.

Il-Qorti qiegħda għalhekk tillikwida l-manteniment fl-ammont ta' mitejn ħamsa u ħamsin Ewro (€250), liema ammont jinkludi wkoll sehem l-intimat tal-ispejjeż kollha relatati mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-minuri. Dan il-manteniment huwa pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti kull xahar fl-ewwel tax-xahar pagabbli, b'dan li l-ammont ta' manteniment għandu jiġi awmentat kull sena skond l-għoli tal-ħajja u jibqa' pagabbli sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax-(18) il sena, iżda jekk wara l-għeluq ta' tmintax-(18) il sena tkompli bl-istudji, taħriġ jew tagħlim tagħha fuq bażi *full-time*, il-manteniment jibqa' dovut u pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti sakemm it-tifla tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* jew meta tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena, skont liema tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li t-tifla tiddeċiedi li tmur tgħix għal rasha l-manteniment ikun pagabbli direttament lilha.

**DWAR IT-TALBA GĦAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWSITI**

Illi l-Qorti qed tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti għall-firda personali u għal dan l-għan iddikjarat lill-intimat bħala unikament responsabbli għat-tifrik ta' dan iż-żwieġ. Konsegwentement qed tilqa' wkoll din it-talba billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet sabiex jibda jopera bejniethom ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni.

Illi fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-istess komunjoni, tagħmel refernza għall-provi mressqa mir-rikorrenti, minn liema provi jirriżulta li dan jikkonsisti fil-vetturi reġistrati f'isem il-partijiet. F'dan is-sens isir referenza għax-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta Dr Christopher Spiteri li xehed fuq il-vetturi passati u preżenti f'isem iż-żewġ partijiet u li esebixxa Dok CS u Dok CS 2[68]. Il-Qorti tagħmel referenza għan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti fejn l-istess rikorrenti tipproponi li kull parti għandha tiġi assenjata dawk il-vetturi reġistrati f'isimhom u li jinsabu fil-lista relattiva esebita mix-xhud.

Illi in vista tal-fatt li l-Qorti qed tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u qed tilqa' wkoll il-ħdax-il talba tagħha, u in vista ta' dak propost mir-rikorrenti stess qed tordna li l-vetturi kollha li qegħdin fil-lista Dok CS jiġu assenjati lill-intmat u ċioe`: il-Fiat Tempra EAH 579; il-Hyundai H 100 – bit-targa ta' reġistrazzjoni BIL 100 (garaged) u l-Mitsubishi Rover ANT 774, filwaqt li dawk li jinsabu fil-lista Dok CS 2 jiġu assenjati lir-rikorrenti u ċioe` Volkswagen Passat BCC 312 u Perodua Kancil BBL 442. In oltre` l-Qorti tipprovdi li l-parti hekk assenjata il-vetturi in kwistjoni hija unikament responsabbli għal kwalukwe, dejn, multi, liċenzji, ammonti u arretrati dovuti in konnessjoni mal-istess vetturi assenjati lilu.

In oltre` jekk jrriżulta li hemm xi dejn ikkontrattat mill-partijiet ad insaputa tal-parti l-oħra, dan għandu jiġi kopert u mħallas b'mod esklussiv minn dik il-parti li tkun ikkontrattatu.

**DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLU 48 ET SEQ KONTRA L-INTIMAT**

L-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> 48: "*Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*
> *(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

[68] Fol 90 sa 121

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjonibi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
(ċ) *kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3*;
(d) *il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

51. *Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet msemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.*

52. *Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċiedi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għalħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda.*

Il-Qorti rat illi l-ewwel talba tal-attriċi għandha tiġi milqugħa u konsegwentement hemm lok li tiġi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet għar-raġunijiet imputabbli lill-intimat konsistenti f'eċċessi, moħqrija u inġurji gravi da parte tal-intimat, b'dan li kawża tal-istess aġir irresponsabbli, abbusiv u skorett, il-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partjiet m'għadhiex aktar possibbli u ż-żwieġ tkisser irremedjabilment. Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, jgħoddu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 ta' Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tapplika kontra l-intimat d-disposizzjonjiet tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-liġijiet ta' Malta.

**<u>DWAR IT-TALBA GĦAR-RESTITUZZJONI TAL-ASSI PARAFERNALI TAR-RIKORRENTI</u>**

IL-Qorti tirrileva li dwar din it-talba, r-rikorrenti ma ressqet l-edba prova dokumentarja jew oħra u tosserva li r-rikorrenti ma ssemmiet xejn dwar din it-talba fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas, il-Qorti ma għandha l-ebda triq oħra ħlief li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.

**DWAR IT-TALBA SABIEX IR-RIKORRENTI TIRRIVERTI LURA GĦAL KUNJOMHA XEBBA**

Il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 62 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

" *62.(1)Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4, il-miżżewġin jistgħu, mas-separazzjoni, jagħżlu li jirrevertu għal kunjomhom ta' meta twieldu jew għal kunjomhom fiż-żmien taż-żwieġ tagħhom.*

*(2) F'każ ta' separazzjoni konsenswali, għandha ssir dikjarazzjoni dwar dik l-għażla fl-att pubbliku ta' separazzjoni, u f'każ ta' separazzjoni ġudizzjarja, permezz ta' nota ppreżentata fl-atti tal-kawża qabel is-sentenza finali.*

*(3) Il-qorti tista' fuq talba ta' wieħed jew waħda mill-miżżewġin, li tista' ssir f'kull żmien qabel is-sentenza, tipprojbixxi lill-konjuġi l-ieħor jew l-oħra milli jkomplu jużaw il-kunjom tal-parti l-ewwel imsemmija wara s-separazzjoni, meta dak l-użu jista'jkun ta' preġudizzju gravi għal dik il-parti li tkun għamlet it-talba.*

In vista tas-suespost il-Qorti ser tilqa' it-talba tar-rikorrenti sabiex tirriverti għal kunjomha xebba u ċioe` G.

**DECIDE**

Għaldaqstant u għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-kawża billi taqta' u tiddeċiedi li:

1. Tilqa' l-ewwel talba u u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet imputabbli lill-istess intimat konsistenti f'eċċessi, moħqrija, u inġurji gravi da parte tal-intimat fil-konfront tar-rikorrenti, u li kawża ta' l-istess il-ħajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u ż-żwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tilqa' it-tieni talba limitatament fis-sens hawn deċiż:
    a. Fl-ewwel lok u bl-applikazzjoni tal-artikolu 154 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li l-intimat C B jiġi żvestit mis-setgħa ta' ġenitur fil-konfront ta' uliedu D u E B.

    b. Tafda lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja ta' bintha D B iżda tordna li jkun hemm *monitoring* mid-Diretttorat kif ukoll li r-rikorrenti taderixxi mal-kundizzjonijiet ordnati minn din l-Qorti fil-parti tas-sentenza li tindirizza l-kura l-kustodja tal-minuri D B;

    c. Tordna u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tieħu d-deċiżjonijiet kollha in konnessjoni ma' bintha l-minuri D B, kemm dawk ordinarji u anki straordinarji in konnessjoni mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.;

    d. Tordna li bl-applikazzjoni tal-artikolu 154 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-interess suprem tal-minuri konċernati, ir-rikorrenti għandha tkompli tieħu l-għajnuna mid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, fejn il-ħaddiema soċjali konċernati li ħadmu magħha tul dawn is-snin jkomplu jsegwu lir-rikorrenti u lill-minuri D B u tordna li jkun hemm *monitoring* adegwat u *home visits* li ma jkunux ippjanati u dan kif spjegat f'iktar dettall fis-sezzjoni tas-sentenza li tindirizza l- *Kura u Kustodja* ta' D B.

    e. F'dan l-istadju tiċħad it-tieni it-talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-minuri E B, pero` dan mingħajr preġudizzju għal jedd tagħha li tressaq tali talba fil-futur jekk iċ-ċirkustanzi jinbiddlu u dan peress li fil-preżent il-minuri E jinsab taħt kura alternattiva in segwitu ta'*voluntary care order*, u f'dan is-sens il-kura u l-kustodja tiegħu qed tiġi fdata fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fejn preżentement il-minuri qiegħed *f'residential care*. B'dana pero` il-Qorti tordna li r-rikorrenti għandha jkollha aċċess għall-minuri E B skont il-modalita` li qed tiġi implementata fil-preżent mid-Direttorat u ċioe`: darba fil-ġimgħa għall-ħames (5) siegħat, liema aċċess isir fir-residenza tar-rikorrenti omm fejn l-ewwel siegħa tkun taħt is-superviżjoni tad-Direttorat, it-tlett sigħat sussegwenti jkunu mingħajr superviżjoni u l-aħħar siegħa terġa' tkun taħt is-superviżjoni tad-Direttorat. B'dana illi meta d-Direttorat jħoss li l-aċċess tar-rikorrenti omm għandu jiġi estiż dan għandu jsir u jseħħ skond il-modalita` reviżjonata tad-Direttorat u dan fl-interess suprem tal-minuri.

3. Tilqa' it-tielet talba fir-rigward tal-minuri D B biss filwaqt u dan mingħajr preġudizzju għall-jedd tar-rikorrenti sabiex tressaq tali talba fil-futur fir-rigward tal-minuri E B jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu .

4. Tilqa' ir-raba` fis-sens li f'dan l-istadju tiddikjara u tordna li r-rikorrenti għandha tipperċepixxi kull benefiċċju soċjali u għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri D B, u dan mingħajr preġudizzju għall-jedd tar-rikorrenti sabiex tressaq tali talba fil-futur fir-rigward tal-minuri E B jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu.

5. Tilqa' il-ħames talba limitatament billi tordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti manteniment għall-bżonnijiet ta' bintu l-minuri D B fis-somma ta' mitjen ħamsa u ħamsin Ewro (€250) kull xahar fl-ewwel tax-xahar. L-ammont illikwidat jinkludi sehem l-intimat tal-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-minuri. Dan l-ammont għandu jiżdied kull sena skont l-għoli tal-ħajja, u jibqa' pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti sakemm il-minuri tagħlaq tmintax-(18)il sena, iżda f'każ li l-minuri tkompli bl-istudju, taħriġ jew tgħalim fuq bażi *full-time* l-manteniment jibqa' pagabbli mill-intimat lir-rikorrenti sakemm il-minuri tkompli tistudja *full time* tagħha jew sakemm tagħlaq tlieta u għoxrin (23) sena skont liema tavvera ruħha l-ewwel. Finalment u f'każ li l-minuri D B, wara li tagħlaq tmintax-(18) il sena u tkompli bl-istudji tagħha fuq bażi *full time* iżda tkun qed tgħix għal rasha, hemmhekk il-manteniment pagabbli mill-intimat ikun pagabbli direttament lilha.
6. Tilqa' is-sitt talba;

7. Fir-rigward tas-seba' u t-tmien talba tordna u tipprovdi kif ġej:

   i. Li l-aċċess tar-rikorrenti vis-a`-vis il-minuri E huwa regolat skont dak indikat fis-sezzjoni 'L-*aċċess tar-rikorrenti'* fis-sentenza:

   ii. Li l-Aċċess tal-intimat vis-a`-vis uliedu huwa regolat skont dak indikat u ordnat fis-sezzjoni 'l-*aċċess tal-intimat'* fis-sentenza;

   iii. Fir-rigward tal-ħruġ tal-passaport tal-minuri D, r-rikorrenti hija awtorizzata sabiex tapplika għall-passaport tal-minuri D waħedha iżda għandha tiddepożitah fir-Reġistru tal-Qorti. Konsegwentement jekk ir-rikorrenti tkun trid issiefer mal-minuri D, din għandha l-ewwel tinforma lid-Direttorat u tagħtihom d-dettalji sħaħ tas-safra. Jekk id-Direttorat jaqbel li r-rikorrenti tista' ssiefer mal-minuri għandu jiġi ppreżentat rikors appożitu b'talba sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tirtira l-passaport mir-Reġistru tal-Qorti għall-perjodu tas-safra.

8. Tilqa' id-disa`talba u tiddikjara li l-intimat iddekada mid-dritt ta'manteniment.

9. Tilqa' l-għaxar talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u konsegwentement tordna li mill-lum stess jibda jopera bejn il-partijiet ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni. Illi stante li l- istess komunjoni m'ghandha l-ebda assi ta' valur ħlief il-vetturi indikati fis-seżżjoni indikat *Kommunjoni tal-Akkwsiti* , isegwi li allura li l-istess vetturi għandhom jiġu assenjati kif indikat u ordnat iżda ma hemm xejn iktar x'jigi likwidat u diviz favur il- kontendenti. B'dana pero` il-Qorti tordna jekk jirriżulta li hemm xi dejn gravanti il-kommunjoni tal-akkwsiti dan għandu jagħmel tajjeb għalih l-intimat, filwaqt li kull parti tibqa' responsabbli għall-kwalunkwe dejn li hemm f'isimha.

10. Tilqa' il-ħdax-il talba u tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l- artikolu 48 tal-Kap 16 *in toto*

11. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tnax-il talba;

12. Tilqa'it-tlettax-il talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti għal kunjomha xebba u ċioe` G.

Bl-Ispejjeż kollha ikunu karigu tal-istess intimat.